MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2005

Numru 784/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**ALBERTA AMATO**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Alberta Amato ta' 20 sena, imwielda Tal-Pieta' nhar it-22 ta' Awissu, 1985, bint Albert u Doreen nee' Spiteri, residenti fil-fond numru 104, Triq Carlo Manche, detentrici tal-karta tal-identita' numru 434985 (M);

Akkuzata talli b'diversi atti maghmulin mill-istess imputata, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiskru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ghad li ma kinitx wahda mill-persuni msemmija fil-

paragrafi (a), (b) u (c) tal-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, xjentement, ghenet jew assistiet lill-awturi, u cioe' lil Lorita Pace, u/jew lil Elaine Rapinett, fil-kommissjoni ta' whud minn sensiela ta' delitti ta' serq u/jew fl-atti li bihom l-imsemmija delitti gew ippreparati u/jew ikkunsmati, u cioe':

1. Fl-14 ta' Gunju, 2005, ghall-habta tan-12.30pm, serqa ta' xorb alkoholiku mill-Maypole Confectionery, fi Triq Joseph Abela Scolaro, Hamrun;

2. Fis-27 ta' Awissu, 2005, ghall-habta ta' 12.15pm, serqa ta' flus minn Gucal Store, fi Triq Antonio Sciortino, Msida;

3. Fl-1 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.30pm, serqa ta' sigaretti mill-hanut Verdura Fresca, fi Triq il-Htajriet, Mosta;

4. Fl-1 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.20pm, serqa ta' flus mill-Iklin Pharmacy, fi Triq Geronimo Abos, Iklin, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00);

5. Fit-2 ta' Settembru, 2005, ghall-habta tas-6.15pm, serqa ta' flus u cekkijiet mill-Pillbox Pharmacy, fi Triq il-Bjad, Naxxar, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.0);

6. U aktar talli fit-2 ta' Settembru, 2005, u/jew f'dawn l-ahhar xhur, f'dawn il-gzejjer, ikommettiet serq ta' licenzja ta' vettura bin-numru tar-registrazzjoni IAO 057, liema serq huwa aggravat bix-xorta tal-haga misruaq *ai termni* tal-Artikolu 271 (G) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. U iktar talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi rrendiet ruhha recediva *ai termini* tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li nstabet hatja b'divesi sentenzi moghtija mill-Qrati Maltin, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

8. U finalment talli kisret il-provvediment tal-Artikolu 28 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza datata 9 ta' Mejju, 2005, fejn l-istess Alberta Amato, kienet misjuba hatja u giet ikkundannata tmintax-il (18) xahar prigunerija sospizi ghal-tlitt (3) snin.

Rat l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, fl-istadju tal-ezami tal-istess imputata;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-Artikoli 261 *et seq*, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligjiet ta' Malta.

Fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja u tikkundannaha ghal perjodu ta' prigunerija ta' sena (1), sospiza ghal tlitt (3) snin, taht supervizjoni ta' ufficjal tal-*Probation, ai termini* tal-Artikolu 28 G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------